MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1034/2005

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**L-Avukat Dr. Mark Busuttil LL.D. u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b`digriet tal-15 ta` Gunju, 2007 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lil Warda Import Export**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni:

Is-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f`Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f`Malta bin-numru 13092.

Dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta` oggett li huma identici ma` dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f`Malta kwantita` ta` zraben bil-marki ta` “Puma”.

Ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta` l-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u/jew prodotti u/jew importati f`Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta` l-Att dwar it-Trademarks.

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-trademark jew trademarks proprjeta` tas-socjeta` attrici u b`hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-agir tal-konvenut.

3. tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta` attrici dawk id-danni fuq imsemmija.

4. tordna l-qerda tal-oggetti (zraben u track suits) spaccjati u/jew prodotti u/jew migjuba f`Malta mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-15 ta` Gunju, 2007 li permezz tieghu gew nominati Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ta` Warda Import / Export.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-istess kuraturi fejn qalu illi m`humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jirrapresentaw eccezzjonijiet motivati fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Rat il-verbal tat-13 ta` Frar, 2008 fejn ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici irrinunzja ghat-tieni u t-tielet talba.

Ikkunsidrat illi l-fatti kif elenkati fic-citazzjoni gew pruvati a sodisfazzjoni ta` din il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi:

1. tilqa` l-ewwel talba;
2. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba;
3. tilqa` r-raba` talba u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana biex, fi zmien xahar minn meta jigi notifikat, a karigu tal-attrici, b`kopja ta` din is-sentenza, jiddistruggi l-merkanzija msemmija.

Tordna lill-istess Kontrollur tad-Dwana biex, fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tad-distruzzjoni, jipprezenta nota fl-atti ta` din il-kawza biex jikkonferma d-distruzzjoni ordnata b`din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta b`dana pero` li provvisorjament id-drittijiet tal-kuraturi jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------